

Brussell, 11 ta' Frar 2021
(OR. en)

5959/21

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0152(COD)

CODEC 157
EF 44
ECOFIN 105
COVID-19 35
PE 10

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni, il-governanza tal-prodotti u l-limiti ta' pożizzjoni għall-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mit-8 sal-11 ta' Frar 2021)

I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Markus FERBER (PPE, DE), ippreżenta emenda ta' kompromess (l-emenda numru 12) għall-proposta għal Direttiva msemmija hawn fuq, f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji. Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fl-10 ta' Frar 2021, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 12) għall-proposta għal Direttiva msemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu tal-11 ta' Frar 2021, kif tidher fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA-PROV(2020)0046

Is-swieq fl-istrumenti finanzjarji ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2021 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni, il-governanza tal-prodotti u l-limiti ta' pożizzjoni għall-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020)0280 – C9-0210/2020 – 2020/0152(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0280),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 53(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0210/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' Ottubru 2020³,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill fl-ittra tas-16 ta' Diċembru 2020 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0208/2020),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

³ ĠU C 10, 11.1.2021, p. 30.

P9_TC1-COD(2020)0152

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Frar 2021 bil-ħsieb li tiġi adottata d-Direttiva (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward ta' rekwiżiti ta' informazzjoni, governanza tal-prodotti u limiti ta' pożizzjoni, u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/878 fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom għad-ditti tal-investment, għas-sostenn tal-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁵,

⁴ ĠU C 10, 11.1.2021, p. 30.

⁵ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2021.

Billi:

- (1) Il-pandemija tal-COVID-19 qed taffettwa b'mod sever lin-nies, lill-kumpaniji, lis-sistemi tas-saħħa u lill-ekonomiji ***u lis-sistemi finanzjarji*** tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha tas-27 ta' Mejju 2020 intitolata "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss", saħqet li l-likwidità u l-aċċess għal finanzjament se jkunu sfida kontinwa. Għaldaqstant, huwa kruċjali li jiġi appoġġat l-irkupru mix-xokk ekonomiku sever ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 ***permezz tal-introduzzjoni*** ta' emendi mmirati ***limitati*** għal-liġi eżistenti tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji. ***Għalhekk, l-għan ġenerali ta' dawk l-emendi jenħtieġ li jkun it-tneħħija tal-burokrazija żejda u l-introduzzjoni ta' miżuri kkalibrati bir-reqqa li jitqiesu effettivi sabiex jiġi mmitigat it-taqlib ekonomiku. Dawk l-emendi jenħtieġ li jevitaw li jagħmlu tibdil li jżid il-piżijiet amministrattivi fuq is-settur u jenħtieġ li jħallu l-kwistjonijiet leġiżlattivi kumplessi jiġu solvuti matul ir-rieżami ppjanat tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Dawk l-emendi jiffurmaw pakkett ta' miżuri u qed jiġu adottati taħt it-tikketta "Pakkett ta' Rkupru tas-Swieq Kapitali".***

⁶ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

- (2) Id-Direttiva 2014/65/UE ġiet adottata fl-2014 b'rispons għall-kriżi finanzjarja li żviluppat fl-2007 u l-2008. Dik id-Direttiva saħħet b'mod sostanzjali s-sistema finanzjarja **tal-Unjoni** u tat garanzija ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri fl-Unjoni kollha. **Jistgħu** jitqiesu sforzi addizzjonali biex jitnaqqsu l-kumplessità regolatorja u l-kostijiet tal-konformità tad-ditti tal-investment u biex jiġu eliminati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, **dment li fl-istess ħin titqies b'mod suffiċjenti il-protezzjoni tal-investituri.**
- (3) Fir-rigward tar-rekwiżiti li kienu maħsuba biex jiproteġu lill-investituri, id-Direttiva 2014/65/UE ma kisbitx għalkollox l-oġettiv tagħha li tadotta l-miżuri li jqisu biżżejjed il-partikolaritajiet ta' kull kategorija ta' investituri, jiġifieri klijenti konsumaturi, klijenti professjonali u kontropartijiet eliġibbli. Uħud minn dawk ir-rekwiżiti mhux dejjem saħħew il-protezzjoni tal-investituri iżda xi drabi pjuttost fixklu l-eżekuzzjoni bla xkiel ta' deċiżjonijiet ta' investment. **Għalhekk, ċerti rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE jenħtieġ li jiġu emendati** biex jiġi faċilitat il-provvediment ta' servizzi ta' investment u t-twettiq ta' attivitajiet tal-investment, **u dawk l-emendi jenħtieġ li jsiru b'mod ibbilanċjat li jiproteġi għalkollox lill-investituri.**

- (4) ***Il-ħruġ ta' bonds huwa kruċjali biex jinġabar il-kapital u biex tingħeleb il-kriżi tal-COVID-19.*** Ir-rekwiżiti ta' governanza tal-prodotti jistgħu jillimitaw il-bejgħ ta' bonds . Il-bonds ***mingħajr ebda derivattiv ieħor inkorporat għajr*** klawżola make-whole huma ġeneralment meqjusa prodotti sikuri u sempliċi li huma eliġibbli għall-klijenti konsumaturi. ***Fil-każ ta' tiffidja bikrija*** tiegħu, bond ***mingħajr ebda derivattiv ieħor inkorporat għajr*** klawżola make-whole jipproteġi lill-investituri kontra t-telf billi jiżgura li dawk l-investituri jingħataw pagament ugwali għas-somma tal-valur preżenti nett tal-pagamenti tal-kupuni li jifdal u l-ammont prinċipali tal-bond li kienu jirċievu kieku l-bond ma ntalabx. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti ta' governanza tal-prodotti jenħtieġ li ma jibqgħux japplikaw għall-bonds ***mingħajr ebda derivattiv ieħor inkorporat għajr*** klawżola make-whole. ***Barra minn hekk, il-kontropartijiet eliġibbli huma meqjusa li għandhom għarfien suffiċjenti tal-istrumenti finanzjarji. Għalhekk huwa ġġustifikat li l-kontropartijiet eliġibbli jiġu eżentati mir-rekwiżiti ta' governanza tal-prodotti applikabbli għal strumenti finanzjarji kummerċjalizzati jew distribwiti esklużivament lilhom.***

- (5) Is-sejħa għal evidenza, immedija mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, dwar l-impatt ta' inċentivi u tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-ispejjeż u tal-imposti skont id-Direttiva 2014/65/UE u l-konsultazzjoni pubblika mwettqa mill-Kummissjoni t-tnejn li huma kkonfermaw li l-klijenti professjonali u l-kontropartijiet eliġibbli m'għandhomx bżonn informazzjoni standardizzata u obbligatorja dwar l-ispejjeż, billi diġà jirċievu l-informazzjoni meħtieġa meta jinnegozjaw mal-fornitur tas-servizz tagħhom. L-informazzjoni pprovduta lill-klijenti professjonali u lill-kontropartijiet eliġibbli hija mfassla għall-ħtiġijiet tagħhom u ħafna drabi aktar dettaljata. Għalhekk, **is-servizzi pprovduti** lill-klijenti professjonali u lill-kontropartijiet eliġibbli jenħtieġ li jiġu eżentati mir-rekwiżiti ta' żvelar tal-kostijiet u tat-tariffi, ħlief fir-rigward tas-servizzi ta' konsulenza dwar l-investment u ta' ġestjoni tal-portafoll għax il-klijenti professjonali li jidħlu f'relazzjonijiet ta' ġestjoni tal-portafoll jew ta' konsulenza dwar l-investment mhux bilfors ikollhom kwalifiki jew għarfien suffiċjenti biex **jippermetti li dawn is-servizzi** jiġu eżentati minn dawk ir-rekwiżiti.

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

- (6) Id-ditti tal-investment bħalissa huma meħtieġa jwettqu analiżi kost-benefiċċji ta' ċerti attivitajiet tal-portafoll f'każijiet ta' relazzjonijiet kontinwi mal-klijenti tagħhom li fihom l-istrumenti finanzjarji jiġu soġġetti għal bidliet. Id-ditti tal-investment huma b'hekk meħtieġa jiksbu l-informazzjoni meħtieġa mill-klijenti tagħhom u jkunu jistgħu juru li l-benefiċċji tat-tali tibdil huma superjuri għall-kostijiet. Peress li dik il-proċedura hija ta' piż żejjed ***fir-rigward tal-klijenti*** professjonali, li għandhom it-tendenza li jaqilbu fuq bażi frekwenti, ***is-servizzi pprovduti lilhom*** jenħtieġ li jkunu eżentati minn dak ir-rekwiżit. ***Il-klijenti professjonali għandhom, madankollu, iżommu*** l-possibbiltà li jipparteċipaw. Peress li l-klijenti konsumaturi jeħtieġu livell għoli ta' protezzjoni, dik ***l-eżenzjoni*** jenħtieġ li tkun limitata għal servizzi pprovduti lill-klijenti professjonali.
- (7) Il-klijenti b'relazzjoni kontinwa ma' ditta tal-investment jirċievu rapporti obligatorji tas-servizz, jew perjodikament jew wara attivazzjoni. La d-ditti tal-investment u lanqas il-klijenti professjonali tagħhom jew il-kontropartijiet eliġibbli ma jqisu dawn ir-rapporti tas-servizz utli. Irriżulta li daww ir-rapporti huma partikolarment inutli għall-klijenti professjonali u l-kontropartijiet eliġibbli fi swieq volatili ħafna, billi r-rapporti jiġu pprovduti bi frekwenza għolja u għadd kbir. Il-klijenti professjonali u l-kontropartijiet eliġibbli ħafna drabi jirreaġixxu għal dawn ir-rapporti tas-servizz billi ma jaqrawhomx, jew billi jieħdu deċiżjonijiet tal-investment malajr minflok ma jkomplu bi strateġija tal-investment ta' terminu twil. Il-kontropartijiet eliġibbli għalhekk jenħtieġ li ma jibqgħux jirċievu rapporti obligatorji tas-servizz. Il-klijenti professjonali jenħtieġ ukoll li ma jibqgħux jirċievu dawn ir-rapporti ta' servizz, iżda jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu li jirċevuhom.

(8) *Immedjatement wara l-pandemija tal-COVID-19, l-emittenti, u b'mod partikolari l-kumpaniji żgħar u b'kapitalizzazzjoni medja, jeħtieġ li jiġu appoġġati minn swieq kapitali b'saħħithom. Ir-riċerka dwar l-emittenti żgħar u b'kapitalizzazzjoni medja hija essenzjali biex tgħin l-emittenti jistabilixxu kuntatt mal-investituri. Dik ir-riċerka żżid il-viżibbiltà tal-emittenti u għaldaqstant tiżgura livell suffiċjenti ta' investiment u likwidità. Id-ditti tal-investment jenħtieġ li jitħallew iħallsu b'mod konġunt għall-provvediment tar-riċerka u għall-provvediment tas-servizzi eżekuttivi dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Waħda mill-kundizzjonijiet jenħtieġ li tkun li r-riċerka tkun provduta lill-emittenti li l-kapitalizzazzjoni tas-suq tagħhom ma tkunx qabżet il-EUR 1 biljun, kif espressa mill-kwoti ta' tmiem is-sena, għas-36 xahar qabel il-provvediment tar-riċerka. Dak ir-rekwiżit relatat mall-kapitalizzazzjoni tas-suq jenħtieġ li tinftiehem li tkopri kemm il-kumpaniji kkwotati kif ukoll dawk mhux ikkwotati, bil-fehim li, għal dawn tal-aħħar, l-entrata tal-karta bilanċjali fuq il-kapital proprju ma qabżitx il-limitu ta' EUR 1 biljun. Jenħtieġ li jiġi nnutat ukoll li kumpaniji ġodda kkwotati u kumpaniji mhux ikkwotati stabbiliti għal anqas minn 36 xahar huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni sakemm ikunu jistgħu juru li l-kapitalizzazzjoni tas-suq tagħhom ma qabżitx il-limitu ta' EUR 1 biljun, kif espressa mill-kwoti ta' tmiem is-sena minn meta huma ġew elenkati, jew espressi mill-kapital proprju għas-snin finanzjarji meta huma ma jkunux, jew ma kinux, elenkati. Sabiex jiġi żgurat li l-kumpaniji stabbiliti ġodda li jkun ilhom jeżistu għal inqas minn 12-il xahar ikunu jistgħu jibbenefikaw bl-istess mod mill-eżenzjoni, huwa biżżejjed li ma jkunux qabżu l-limitu ta' EUR 1 biljun mid-data tal-istabbiliment tagħhom.*

- (9) Id-Direttiva 2014/65/UE introduċiet rekwiżiti ta' rappurtar **għal ċentri tan-negozjar, internalizzaturi sistematiċi u ċentri oħra ta' eżekuzzjoni** dwar kif l-ordnijiet kienu eżegwiti bl-aktar termini favorevoli għall-klijent. Ir-rapporti tekniċi li jirriżultaw fihom ammonti kbar ta' informazzjoni kwantitattiva dettaljata dwar il-post ta' eżekuzzjoni, l-istrument finanzjarju, il-prezz, il-kostijiet u l-probabbiltà tal-eżekuzzjoni. Dawn rari jinqraw **■**, kif jixhed l-għadd baxx ħafna ta' **żjarat** lis-siti web **taċ-ċentri tan-negozjar, l-internalizzaturi sistematiċi u ċentri oħra ta' eżekuzzjoni**. Billi dawn ma jippermettux lill-investituri **u lil utenti oħra** jagħmlu paraguni sinifikanti fuq il-bażi tal-informazzjoni li fihom, il-pubblikazzjoni ta' dawn ir-rapporti jenħtieġ li tiġi temporanjament sospiża.
- (10) Sabiex tiġi faċilitata l-komunikazzjoni bejn id-ditti tal-investment u l-klijenti tagħhom u b'hekk jiġi faċilitat il-proċess tal-investment innifsu, l-informazzjoni tal-investment jenħtieġ li ma tibqax tiġi pprovduta fuq karta iżda, bħala għażla prestabbilita, tiġi pprovduta elettronikament. Madankollu, il-klijenti konsumaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu li dik l-informazzjoni tiġi pprovduta fuq karta.

- (11) Id-Direttiva 2014/65/UE tippermetti lill-persuni li jinnegozjaw f'derivattivi ta' komodità jew kwoti ta' emissjonijiet jew derivattivi tagħhom fuq bażi professjonali biex jużaw eżenzjoni mir-rekwiżit li jiksbu awtorizzazzjoni bħala ditta tal-investment meta l-attività tan-negozjar tagħhom tkun anċillari għan-negozju ewlieni tagħhom. **Attwalment**, il-persuni li japplikaw għall-eżenzjoni tal-attività anċillari huma meħtieġa li kull sena jinnotifikaw annwalment lill-awtorità kompetenti rilevanti li se jagħmlu użu minn dik l-eżenzjoni u jipprovdu l-elementi neċessarji biex jissodisfaw iż-żewġ testijiet kwantitattivi li jiddeterminaw jekk l-attività tan-negozjar tagħhom hijiex anċillari għan-negozju ewlieni tagħhom. L-ewwel test iqabbel id-daqs tal-attività tan-negozjar spekulattiv ta' entità mal-attività totali tan-negozjar fl-Unjoni fuq il-bażi ta' klassi tal-assi. It-tieni test iqabbel id-daqs tal-attività tan-negozjar spekulattiv, bl-inklużjoni tal-klassijiet tal-assi kollha, mal-attività totali tan-negozjar fi strumenti finanzjarji mill-entità fil-livell tal-grupp. Teżisti forma alternattiva tat-tieni test, li tikkonsisti fit-tqabbil tal-kapital stmat użat għall-attività tan-negozjar spekulattiv mal-ammont attwali ta' kapital użat fil-livell tal-grupp għan-negozju ewlieni. ■ Għall-finijiet li jiġi stabbilit meta attività titqies bħala attività anċillari, ***l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu*** jiddependu ■ fuq ***kombinament ta' elementi kwantitattivi u kwalitattivi, soġġett għal kundizzjonijiet definiti b'mod ċar. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tipprovi gwida dwar iċ-ċirkostanzi li taħthom l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu japplikaw approċċ li jikkombina l-kriterji tal-limiti kwantitattivi u kwalitattivi, kif ukoll tiżviluppa att delegat fuq il-kriterji.*** Il-persuni li huma eliġibbli għall-eżenzjoni tal-attività anċillari, inkluż il-ġeneraturi tas-suq, huma dawk li qed jinnegozjaw akkont tagħhom infushom jew dawk li jipprovdu servizzi ta' investment minbarra li jinnegozjaw akkont tagħhom infushom ***f'derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi minnhom***, lil klijenti jew fornituri tan-negozju ewlieni tagħhom. L-eżenzjoni ***jenħtieġ li tkun*** disponibbli għal kull wieħed minn dawk il-każijiet b'mod individwali u fuq bażi aggregata, fejn l-attività tkun anċillari għan-negozju ewlieni tagħhom, meta kkunsidrata fuq il-bażi ta' grupp. L-eżenzjoni tal-attività anċillari jenħtieġ li ma tkunx disponibbli għal persuni li japplikaw teknika tan-negozjar algoritmiku bi frekwenza għolja jew li jkunu parti minn grupp li n-negozju prinċipali tiegħu huwa l-provvediment ta' servizzi ta' investment jew attivitajiet bankarji, jew li jaġixxi bħala ġeneratur tas-suq fir-rigward ta' derivattivi ta' komoditajiet. ■

- (12) Fil-preżent, l-awtoritajiet kompetenti jridu jistabbilixxu u japplikaw limiti fuq id-daqs ta' pożizzjoni netta li persuna tista' żżomm f'kull waqt f'derivattivi ta' komoditajiet innegożjati f'postijiet tan-negożjar u f'kuntratti barra l-borża li huma ekonomikament ekwivalenti (EEOTC, economically equivalent Over-The-Counter). Billi r-reġim tal-limitu ta' pożizzjoni wera li ma kienx favorevoli għall-iżvilupp ta' swieq ġodda tal-komoditajiet, is-swieq ġodda tal-komoditajiet jenħtieġ li jiġu esklużi mir-reġim tal-limitu ta' pożizzjoni. Minflok, il-limitu ta' pożizzjoni jenħtieġ li japplikaw biss għal derivattivi ta' komoditajiet li huma kritiċi jew sinifikanti u li huma negożjati f'ċentri tan-negożjar, u għall-kuntratti EEOTC tagħhom. Id-derivattivi kritiċi jew sinifikanti huma **■** derivattivi ta' komoditajiet b'interess miftuħ ta' mill-inqas 300 000 lott, b'ħala medja, fuq perjodu ta' sena. Minħabba l-importanza kritika ta' komoditajiet agrikoli għaċ-ċittadini, id-derivattivi tal-komoditajiet agrikoli u l-kuntratti EEOTC tagħhom se jibqgħu taħt ir-reġim attwali tal-limitu ta' pożizzjoni. **■**

- (13) Id-Direttiva 2014/65/UE ma tippermettix eżenzjonijiet għall-hedging għall-ebda entità finanzjarja. Diversi gruppi predominantement kummerċjali li stabbilew entità finanzjarja għall-iskopijiet tan-negozjar tagħhom sabu lilhom infushom f'sitwazzjoni fejn l-entità finanzjarja tagħhom ma setgħetx twettaq in-negozjar kollu għall-grupp, billi l-entità finanzjarja ma kinitx eliġibbli għal eżenzjoni għall-hedging. Għalhekk, għandha tiġi introdotta eżenzjoni għall-hedging iddefinita b'mod strett għal **entitajiet** finanzjarji. Din l-eżenzjoni għall-hedging jenħtieġ li tkun disponibbli fejn, fi grupp predominantement kummerċjali, persuna tkun ġiet irreġistrata bħala ditta tal-investiment u tinnegozja f'isem il-grupp kummerċjali. Sabiex l-eżenzjoni għall-hedging tiġi limitata għal dawk l-entitajiet finanzjarji li jinnegozjaw f'isem l-entitajiet mhux finanzjarji fi grupp predominantement kummerċjali, dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tapplika biss għall-pożizzjonijiet miżmuma minn tali entità finanzjarja li jistgħu jitkejlu oġġettivament bħala li qed inaqqsu r-riskji direttament marbuta mal-attivitajiet kummerċjali tal-entitajiet mhux finanzjarji tal-grupp.
- (14) Anki f'kuntratti likwidi, tipikament għadd limitat biss ta' parteċipanti fis-suq jaġixxu bħala ġeneraturi tas-suq fis-swieq tal-komoditajiet. Meta dawn il-parteċipanti fis-suq ikollhom japplikaw limiti ta' pożizzjoni, ma jistgħux ikunu effettivi daqs il-ġeneraturi tas-suq. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi introdotta eżenzjoni għal-limitu ta' pożizzjoni għall-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji għal pożizzjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet li jkunu saru biex jissodisfaw obbligi li tiġi pprovduta l-likwidità.

- (15) *L-emendi fir-rigward tar-reġim tal-limitu ta' pożizzjoni huma mfassla biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' kuntratti ġodda tal-enerġija, u ma jfittxux li jtaffu r-reġim għall-derivattivi tal-komoditajiet agrikoli.*
- (16) *Ir-reġim attwali tal-limitu ta' pożizzjoni ma jirrikonoxxi ukoll il-karatteristiċi uniċi tad-derivattivi titolizzati. **Derivattivi titolizzati huma titoli trasferibbli skont it-tifsira tal-punt (c) tal-punt (44) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE. Is-suq tad-derivattivi titolizzati huwa karatterizzat minn għadd kbir ta' ħruġ ta' titoli differenti, kull wieħed irreġistrat fid-depożitorju ċentrali tat-titoli għal daqs speċifiku, u kwalunkwe żieda possibbli ssegwi proċedura speċifika approvata kif xieraq mill-awtorità kompetenti rilevanti. Dak huwa f'kuntrast ma' kuntratti tad-derivattivi tal-komoditajiet, fejn l-ammont ta' interess miftuħ, u b'hekk id-daqs ta' pożizzjoni, huwa potenzjalment bla limitu. Fil-ħin tal-ħruġ, l-emittent jew l-intermedjarju inkarigat mid-distribuzzjoni tal-ħruġ ta' titoli jkollu 100 % tal-ħruġ, li jisfida l-applikazzjoni stess ta' reġim tal-limitu ta' pożizzjoni. Barra minn hekk, il-parti l-kbira ta' derivattivi titolizzati huma mbagħad fl-aħħar mill-aħħar miżmuma minn għadd kbir ta' investituri fil-livell tal-konsumatur, li ma jgħidqx l-istess riskju ta' abbuż ta' pożizzjoni dominanti jew għall-kundizzjonijiet xierqa ta' pprezzar u saldu bħal fil-każ ta' kuntratti ta' derivattivi ta' komoditajiet. Barra minn hekk, il-kunċett ta' xahar spot u xhur oħra, li għalihom il-limitu ta' pożizzjoni jridu jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 57(3) tad-Direttiva 2014/65/UE, mhux applikabbli għal derivattivi titolizzati. Għaldaqstant, id-derivattivi titolizzati jenħtieġ li jiġu esklużi mill-applikazzjoni ta' limiti ta' pożizzjoni u rekwiżiti ta' rappurtar.***

- (17) Sa mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2014/65/UE, ma ġewx identifikati kuntratti tad-derivattivi ta' komoditajiet li kienu l-istess. Minħabba l-kunċett tal-istess derivattiv tal-komoditajiet f'dik id-Direttiva, il-metodoloġija għall-kalkolu għad-determinazzjoni tal-limitu ta' pożizzjoni tax-xhur l-oħra hija detrimentali għaċ-ċentru ta' negozjar b'suq li jkun inqas likwidu meta ċ-ċentri tan-negozjar jikkompetu fuq derivattivi tal-komoditajiet ibbażati fuq l-istess titolu sottostanti u bl-istess karatteristiċi. Għalhekk, ir-referenza għal "l-istess kuntratt" fid-Direttiva 2014/65/UE jenħtieġ li titħassar. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jaqblu li d-derivattivi ta' komoditajiet innegozjati fiċ-ċentri tan-negozjar rispettivi tagħhom huma bbażati fuq l-istess bażi sottostanti u jikkondividu l-istess karatteristiċi, f'liema każ ***l-awtorità kompetenti ċentrali skont it-tifsira tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/65/UE jenħtieġ li tistabbilixxi l-limitu ta' pożizzjoni.***
- (18) Hemm differenzi sinifikanti fil-mod li bih iċ-ċentri tan-negozjar jimmaniġġaw il-pożizzjonijiet fl-Unjoni. Għalhekk, il-kontrolli tal-ġestjoni tal-pożizzjonijiet jenħtieġ li jissaħħu fejn meħtieġ.

(19) Sabiex tiżgura l-iżvilupp ulterjuri tas-swieq ta' komoditajiet denominati f'euro fl-Unjoni, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni ⁸ billi jiġu rispettati dawn kollha li ġejjin: il-proċedura li biha l-persuni jkunu jistgħu japplikaw għal ⁸ eżenzjoni għal pożizzjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet imwettqa biex jissodisfaw obbligi li tiġi pprovduta l-likwidità; il-proċedura li permezz tagħha entità finanzjarja li tkun parti minn grupp predominantement kummerċjali tkun tista' tapplika għal eżenzjoni għall-hedging għal pożizzjonijiet miżmuma minn dik l-entità finanzjarja li oġġettivament jistgħu jitkejlu inkwantu jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attivitajiet kummerċjali tal-entitajiet mhux finanzjarji ta' dak il-grupp predominantement kummerċjali; il-kjarifika tal-kontenut tal-kontrolli tal-ġestjoni tal-pożizzjonijiet; u l-iżvilupp ta' kriterji biex jiġi stabbilit meta attività għandha titqies bħala anċillari għan-negozju ewlieni fil-livell ta' grupp. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁸. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

⁸ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(20) L-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) hija l-politika ewlenija tal-Unjoni għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew. In-negozjar bi kwoti tal-emissjonijiet u bid-derivattivi tagħhom huwa soġġett għad-Direttiva 2014/65/UE u għar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u jirrappreżenta element importanti tas-suq tal-karbonju tal-Unjoni. L-eżenzjoni tal-attività anċillari skont id-Direttiva 2014/65/UE tippermetti li ċerti parteċipanti fis-suq ikunu attivi fis-swieq tal-kwoti tal-emissjonijiet mingħajr ma jkollhom għalfejn jiġu awtorizzati bħala ditti tal-investment, dment li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet. Minħabba l-importanza ta' swieq finanzjarji ordnati, regolati sew u soġġetti għal superviżjoni, ir-rwol sinifikanti tal-ETS fil-ksib tal-objettivi tas-sostenibbiltà tal-Unjoni, u r-rwol li għandu suq sekondarju fil-kwoti tal-emissjonijiet li jiffunzjona sew insostenn tal-funzjonament tal-ETS, huwa essenzjali li l-eżenzjoni tal-attività anċillari titfassal b'mod xieraq biex tikkontribwixxi għal dawk l-objettivi. Dak huwa partikolarment rilevanti fejn in-negozjar bi kwoti tal-emissjonijiet isir f'ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investituri u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u biex jiġi żgurat li l-ETS tibqa' tiffunzjona b'mod trasparenti u robust biex jiġi żgurat tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja l-iżvilupp ulterjuri tan-negozjar bi kwoti tal-emissjonijiet u bid-derivattivi tagħhom fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, tivvaluta l-impatt tal-eżenzjoni tal-attività anċillari fuq l-ETS u, fejn meħtieġ, tipproponi kwalunkwe emenda xierqa fir-rigward tal-ambitu u tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni tal-attività anċillari.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

- (21) *Sabiex tiġi pprovduta ċarezza legali addizzjonali, jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn għall-Istati Membri u jiġi żgurat qafas legali uniformi għad-ditti tal-investment, li se jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ mis-26 ta' Ġunju 2021, huwa xieraq li tiġi posposta d-data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ fir-rigward tal-miżuri applikabbli għad-ditti tal-investment. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-qafas legali applikabbli għad-ditti tal-investment stabbilit fl-Artikolu 67 tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-iskadenza tat-traspożizzjoni għad-Direttiva (UE) 2019/878 fir-rigward tad-ditti tal-investment għalhekk jenħtieġ li tiġi estiża sas-26 ta' Ġunju 2021.*
- (22) *Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġettivi segwiti mill-emendi għad-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/878, u b'mod partikolari biex jiġi evitat kwalunkwe effett ta' tfixkil għall-Istati Membri, huwa xieraq li jiġi previst li daww l-emendi jsiru applikabbli mit-28 ta' Diċembru 2020. Filwaqt li tiġi prevista applikazzjoni retroattiva tal-emendi, l-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati jiġu madankollu rrispettati billi l-emendi ma jinċidux fuq id-drittijiet u l-obbligi ta' operaturi ekonomiċi jew individwi.*

¹⁰ Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE 2014/59/UE u 2014/65/UE (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64)

¹¹ Id-Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' entitajiet eżentati, kumpanniji azzjonarji finanzjarji, kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta, remunerazzjoni, miżuri u setgħat superviżorji u miżuri ta' konservazzjoni ta' kapital (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 253).

- (23) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi 2013/36/UE, 2014/65/UE u (UE) 2019/878 jiġu emendati skont dan.
- (24) Din id-Direttiva emendatorja għandha l-għan li tissupplimenta l-liġi eżistenti tal-Unjoni u għalhekk l-oġġettivi tagħha jistgħu jinkisbu l-aħjar fil-livell tal-Unjoni pjuttost milli b'inizjattivi nazzjonali differenti. Is-swieq finanzjarji b'mod inerenti jaqsmu l-fruntieri, u kulma jmur aktar qed jagħmlu dan. Minħabba din l-integrazzjoni, l-interventi iżolati fil-livell nazzjonali jkunu ferm inqas effiċjenti u jwasslu għall-frammentazzjoni tas-swieq, u jirriżultaw f'arbitraġġ regolatorju u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- (25) Minħabba li l-oġġettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tirtfina l-liġi eżistenti tal-Unjoni sabiex tiżgura rekwiżiti uniformi u xierqa li japplikaw għad-ditti tal-investment madwar l-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-oġġettiv.

- (26) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni¹², l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġustifikata.
- (27) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu introdotti miżuri mmirati għall-appoġġ tal-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 malajr kemm jista' jkun, din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

¹² ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Artikolu 1
Emendi għad-Direttiva 2014/65/UE

Id-Direttiva 2014/65/UE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej

"(j) il-persuni:

- (i) li jinneozjaw f'isimhom stess, inklużi ġeneraturi tas-suq, f'derivattivi tal-komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew fid-derivattivi tagħhom, minbarra l-persuni li jinneozjaw f'isimhom stess meta jwettqu l-ordnijiet tal-klijenti; jew
- (ii) li jipprovdu servizzi ta' investment, għajr in-negozjar f'isimhom stess, fid-derivattivi tal-komoditajiet jew fil-kwoti tal-emissjonijiet jew fid-derivattivi tagħhom lill-klijenti jew fornituri tan-negozju ewlieni tagħhom;

sakemm:

- għal kull wieħed minn dawk il-każijiet b'mod individwali u fuq bażi aggregata, l-attività tkun anċillari għan-negozju ewlieni tagħhom, meta kkunsidrata fuq il-bażi ta' grupp;

- dawk il-persuni ma jkunux parti minn grupp li n-negozju ewlieni tiegħu jkun il-provvediment ta' servizzi ta' investment fis-sens ta' din id-Direttiva, it-twertiq ta' kwalunkwe attività elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE, jew li jaġixxi bħala ġeneratur tas-suq għad-derivattivi tal-komoditajiet;
- dawk il-persuni ma japplikawx teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja; **u**
- dawk il-persuni jirrapportaw b'talba lill-awtorità kompetenti l-bażi li fuqha vvalutaw li l-attività tagħhom skont il-punti (i) u (ii) hija anċillari għan-negozju ewlieni tagħhom.";

(b) il-paragrafu 4 huwa *sostitwit b'dan li ġej*:

"4. Sal-31 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 89 sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tispeċifika, għall-finijiet tal-punt (j) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kriterji biex tistabbilixxi meta attività għandha tkun ikkunsidrata anċillari għan-negozju ewlieni fil-livell ta' grupp.

Dawk il-kriterji għandhom iqisu l-elementi li ġejjin:

- (a) jekk l-iskopertura nazzjonali pendenti netta f'derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom għal saldu fi flus nnegozjat fl-Unjoni, esklużi derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom innegozjati f'ċentru tan-negozjar, hijiex taħt livell limitu annwali ta' EUR 3 biljun; jew***
- (b) jekk il-kapital impjegat mill-grupp li għalih tappartjeni l-persuna huwiex fil-biċċa l-kbira allokat għan-negozju ewlieni tal-grupp; jew***
- (c) jekk id-daqs tal-attivitajiet imsemmija fil-punt (j) tal-paragrafu 1 jaqbiżx jew le d-daqs totali tal-attivitajiet ta' negozjar l-oħrajn fil-livell ta' grupp.***

L-attivitajiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu kkunsidrati f'livell ta' grupp.

L-elementi msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jeskludu:

- (a) it-tranżazzjonijiet intragrupp kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li jaqdu l-likwidità tal-grupp kollu jew għall-għanijiet ta' ġestjoni tar-riskji;***

- (b) *it-tranżazzjonijiet f'derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti ta' emissjonijiet jew derivattivi tagħhom, li oġġettivament jistgħu jitkejlu bħala li jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali jew l-attività tal-finanzjament tat-teżor;*
- (c) *it-tranżazzjonijiet f'derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti ta' emissjonijiet jew derivattivi tagħhom li jipparteċipaw fihom biex jissodisfaw l-obbligi li jipprovdu likwidità f'ċentru tan-negozjar, fejn tali obbligi huma mitluba mill-awtoritajiet regolatorji f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew mal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, jew miċ-ċentri tan-negozjar.";*

(2) l-Artikolu 4(1) huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(8a) "il-bdil ta' strumenti finanzjarji" tfisser il-bejgħ ta' strument finanzjarju u x-xiri ta' strument finanzjarju ieħor jew l-eżerċitar ta' dritt li jsir tibdil fir-rigward ta' strument finanzjarju eżistenti;"

(b)jiddaħħal il-punt li ġej:

"(44a) "klawżola make-whole" tfisser klawżola li għandha l-għan li tipproteġi lill-investitur billi tiżgura li, fil-każ ta' tifdija bikrija ta' bond, l-emittent ikun meħtieġ iħallas lill-investitur li jkollu l-bond ammont ugwali għas-somma tal-valur nett attwali tal-pagamenti tal-kupun li jifdal mistennija sal-maturità u l-ammont prinċipali tal-bond li għandu jinfeda;"

(c)il-punt (59) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(59) "derivattivi ta' komoditajiet agrikoli" tfisser kuntratti ta' derivattivi marbuta mal-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u l-Anness I, Parti I sa XX u XXIV/1 għalih*, kif ukoll mal-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

* Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

** Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).”;

(d)jiddaħħal il-punt li ġej:

“(62a) "format elettroniku" tfisser kwalunkwe mezz durabbli ieħor għajr b'mod stampat;"

(e) *jżdid il-punt li ġej:*

"(65) "grupp predominantement kummerċjali" tfisser kwalunkwe grupp li n-negozju ewlieni tiegħu jkun il-provvediment ta' servizzi ta' investiment fis-sens ta' din id-Direttiva, jew it-twertiq ta' kwalunkwe attività elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE, jew li jaġixxi bħala ġeneratur tas-suq għad-derivattivi tal-komoditajiet.";

■

(3) *jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

"Artikolu 16a

Eżenzjonijiet mir-rekwiżiti ta' governanza tal-prodotti

Ditta tal-investiment għandha tkun eżentata mir-rekwiżiti stabbiliti fit-tieni sal-ħames subparagrafi tal-Artikolu 16(3) u fl-Artikolu 24(2), meta s-servizz ta' investiment li tipprovdi jkun relatat ma' bonds b'ebda derivattiv inkorporat ieħor għajr klawżola sħiħa jew meta l-istrumenti finanzjarji jkunu kummerċjalizzati jew distribwiti esklussivament lil kontropartijiet eliġibbli.";

(4) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

■

(a) fil-paragrafu 4, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Fil-każ li l-ftehim għax-xiri jew il-bejgħ ta' strument finanzjarju jiġi konkluż permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod **li jimpedixxi t-twassil preċedenti ta' informazzjoni dwar il-kostijiet u t-tariffi**, id-ditta tal-investment tista' tipprovdi din l-informazzjoni dwar il-kostijiet u t-tariffi **jew** f'format elettroniku **jew stampat, fejn mitlub minn klijent konsumatur**, mingħajr dewmien żejjed wara l-konklużjoni tat-tranżazzjoni, dment li jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- (i) il-klijent ikun ta l-kunsens tiegħu li jirċievi l-informazzjoni **mingħajr dewmien żejjed** wara l-konklużjoni tat-tranżazzjoni;
- (ii) id-ditta tal-investment tkun tat lill-klijent l-għażla li jkun hemm dewmien fil-konklużjoni tat-tranżazzjoni sakemm il-klijent ikun irċieva l-informazzjoni.

Minbarra r-rekwiżiti tat-tielet subparagrafu, id-ditta tal-investment għandha tkun meħtieġa tagħti lill-klijent l-għażla li jirċievi l-informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-imposti fuq it-telefon qabel il-konklużjoni tat-tranżazzjoni."

(b)jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. Id-ditti tal-investment għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha li taħt din id-Direttiva tkun meħtieġa li tiġi pprovduta lill-klijenti jew lill-klijenti potenzjali f'format elettroniku, ħlief jekk il-klijent jew il-klijent potenzjali jkun klijent konsumatur jew klijent konsumatur potenzjali li jkun talab li jirċievi l-informazzjoni fuq karta, f'liema każ l-informazzjoni għandha tingħata fuq karta, mingħajr ħlas.

Id-ditti tal-investment għandhom jinformaw lill-klijenti konsumaturi jew lill-klijenti konsumaturi potenzjali li għandhom l-għażla li jirċievu l-informazzjoni fuq karta.

Id-ditti tal-investment għandhom jinformaw lill-klijenti konsumaturi eżistenti li jirċievu l-informazzjoni meħtieġa li tiġi pprovduta, taħt din id-Direttiva, fuq karta dwar il-fatt li se jirċievu dik l-informazzjoni *f'format* elettroniku mill-inqas tmien ġimgħat qabel l-informazzjoni tintbagħat *f'format* elettroniku. Id-ditti tal-investment għandhom jinformaw lil dawk il-klijenti konsumaturi eżistenti li għandhom l-għażla li jew ikomplu jirċievu l-informazzjoni fuq karta jew li jibdew jirċievu l-informazzjoni f'format elettroniku. Id-ditti tal-investment għandhom jinformaw lill-klijenti konsumaturi eżistenti wkoll li se jsir il-bdil awtomatiku għall-format elettroniku jekk dawn ma jagħmlux talba biex ikomplu jirċievu l-informazzjoni fuq karta fil-perjodu ta' tmien ġimgħat.

Mhuwiex meħtieġ li l-klijenti konsumaturi eżistenti li diġà jirċievu l-informazzjoni meħtieġa li tiġi pprovduta, taħt din id-Direttiva, f'format elettroniku."

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"9a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-provvediment ta' riċerka minn partijiet terzi lid-ditti tal-investment li jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-portafoll jew servizzi oħra ta' investment jew anċillari lill-klijenti għandu jitqies bħala li jissodisfa l-obbligi skont il-paragrafu 1 jekk:

- (a) qabel ma jkunu ġew ipprovduti s-servizzi ta' eżekuzzjoni jew ta' riċerka, ikun sar ftehim bejn id-ditta tal-investment u l-provveditur tar-riċerka, li jidentifika l-parti ta' kwalunkwe tariffa kkombinata jew pagament konġunt għas-servizzi ta' eżekuzzjoni u ta' riċerka li hija attribwibbli għar-riċerka;*
- (b) id-ditta tal-investment tinforma lill-klijenti tagħha dwar il-pagamenti konġunti għas-servizzi ta' eżekuzzjoni u r-riċerka li jkunu saru lill-provvedituri terzi tar-riċerka; u*
- (c) ir-riċerka li għaliha jkunu saru t-tariffi kkombinati jew il-pagament konġunt tikkonċerna emittenti li l-kapitalizzazzjoni tas-suq tagħhom matul il-perjodu ta' 36 xahar qabel il-provvediment tar-riċerka ma qabżitx EUR 1 biljun, kif espressa mill-kwoti ta' tmiem is-sena għas-snin meta huma ma jkunux, jew ma kinux, elenkati jew mill-kapital proprju għas-snin finanzjarji meta huma ma jkunux, jew ma kinux, elenkati.*

Għall-fini ta' dan l-Artikolu, ir-riċerka għandha tinftiehem bħala li tkopri servizzi jew materjal ta' riċerka li jirrigwardaw strument finanzjarju wieħed jew aktar jew assi oħra, jew l-emittenti jew l-emittenti potenzjali ta' strumenti finanzjarji, jew bħala li tkopri servizzi jew materjal ta' riċerka b'rabta mill-qrib ma' industrija speċifika jew suq speċifiku b'tali mod li tikkontribwixxi biex tinforma l-opinjoni dwar l-istrumenti finanzjarji, l-assi jew l-emittenti f'dik l-industrija jew f'dak is-suq.

Ir-riċerka għandha tinkludi wkoll servizzi jew materjal li b'mod espliċitu jew impliċitu jirrakkomandaw jew jissuġġerixxu strateġija ta' investment u tifformula opinjoni sostanzjata dwar il-valur jew il-prezz preżenti jew futur ta' strumenti finanzjarji jew assi, jew inkella jkun fiha analiżi u għarfien oriġinali u tilħaq konklużjonijiet ibbażati fuq informazzjoni ġdida jew eżistenti li jistgħu jintużaw biex jinformaw strateġija ta' investment u tkun rilevanti u kapaċi żżid il-valur tad-deċiżjonijiet tad-ditta tal-investment f'isem il-klijenti li qed iħallsu għal dik ir-riċerka.";

(5) fl-Artikolu 25(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta jipprovdu jew konsulenza dwar l-investment jew ' ġestjoni tal-portafoll li jinvolvu l-bdil ta' strumenti finanzjarji, id-ditti tal-investment ***għandhom jiksbu l-informazzjoni meħtieġa fuq l-investment tal-klijent u*** għandhom janalizzaw l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-bdil tal-istrumenti finanzjarji. ***Meta jipprovdu konsulenza dwar l-investment, id-ditti tal-investment għandhom*** jinformaw lill-klijent jekk il-benefiċċji tal-bdil tal-istrumenti finanzjarji humiex ikbar mill-ispejjeż involuti fil-bdil.";

(6) fl-Artikolu 27(3), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Ir-rekwiżit ta' rappurtar perjodiku lill-pubbliku li huwa stabbilit f'dan il-paragrafu ma għandux japplika sa ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja + sentejn]. ***Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina b'mod komprensiv l-adegwatezza tar-rekwiżiti ta' rappurtar stipulati f'dan il-paragrafu u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja + sena].***";

(7) *fl-Artikolu 27(6), jiżdied is-subparagrafu li ġej:*

"Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina b'mod komprensiv l-adegwatezza tar-rekwiżiti ta' rappurtar perjodiku stipulati f'dan il-paragrafu u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja + sena].";

(8) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 29a

Servizzi pprovduti lil klijenti professjonali

1. Ir-rekwiżiti stipulati fil-punt (c) tal-Artikolu 24(4) ma għandhomx japplikaw għal servizzi pprovduti lill-klijenti professjonali għajr għall-konsulenza dwar l-investment u l-ġestjoni tal-portafoll.
2. Ir-rekwiżiti stipulati fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 25(2) u (6) ma għandhomx japplikaw għas-servizzi pprovduti lill-klijenti professjonali, sakemm daww il-klijenti ma jinformatwax lid-ditta tal-investment *jew f'format elettroniku jew fuq karta* li jixtiequ jibbenefikaw mid-drittijiet previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-ditti tal-investment iżommu rekords *tal-komunikazzjonijiet* tal-klijent msemmija fil-paragrafu 2.";

(9) fl-Artikolu 30(1), *l-ewwel* subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-ditti tal-investment li jkunu awtorizzati biex jeżegwixxu ordnijiet f'isem il-klijenti, u/jew jinneozjaw f'isimhom, u/jew jirċievu u jittrażmettu ordnijiet, jistgħu jaslu għal tranżazzjonijiet ma' kontropartijiet eliġibbli jew jidħlu għalihom magħhom mingħajr ma jkunu obbligati jikkonformaw mal-obbligi skont l-Artikolu 24, ħliet għall-paragrafu 5a tiegħu, l-Artikolu 25, l-Artikolu 27 u l-Artikolu 28(1), rigward dawn it-tranżazzjonijiet jew rigward kwalunkwe servizz sekondarju li jkollu x'jaqsam direttament ma' dawn it-tranżazzjonijiet.";

(10) l-Artikolu 57 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, konformi mal-metodoloġija għall-kalkolu ddeterminata mill-ESMA fl-istandards tekniċi regulatorji adottati skont il-paragrafu 3, jistabbilixxu u japplikaw limiti fuq id-daqs ta' pożizzjoni netta li persuna jista' jkollha f'kull ħin f'derivattivi tal-komoditajiet agrikoli u f'derivattivi tal-komoditajiet kritiċi jew sinifikanti li jiġu nneozjati f'ċentri tan-negożjar u f'kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti. ***Derivattivi ta' komoditajiet għandhom jitqiesu bħala kritiċi jew sinifikanti fejn is-somma tal-pożizzjonijiet netti kollha tad-detenturi ta' pożizzjoni finali tikkostitwixxi d-daqs tal-interest miftuħ tagħhom u tkun ta' mill-inqas 300 000 lott bħala medja fuq perjodu ta' sena.*** Il-limiti għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet kollha li jkollha persuna u dawk miżmuma f'isimha fil-livell ta' grupp aggregat:

(a) għall-prevenzjoni tal-abbuż tas-suq;

- (b) għas-sostenn ta' kundizzjonijiet xierqa ta' pprezzar u saldu, inkluż għall-prevenzjoni ta' pożizzjonijiet li joħolqu distorsjoni tas-suq u biex tiġi żgurata, b'mod partikolari, konverġenza bejn il-prezzijiet tad-derivattivi fix-xahar ta' twassil u prezzijiet spot għall-komodità sottostanti, mingħajr preġudizzju għall-identifikazzjoni tal-prezz fis-suq għall-komodità sottostanti.

Il-limiti ta' pożizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal:

- (a) pożizzjonijiet miżmuma minn jew f'isem entità mhux finanzjarja u li jistgħu jitkejlu oġġettivament inkwantu jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali ta' dik l-entità mhux finanzjarja;
- (b) pożizzjonijiet miżmuma minn, jew f'isem, entità finanzjarja li hija parti minn **grupp predominantement kummerċjali** u li taġixxi f'isem **entità mhux finanzjarja tal-grupp predominantement kummerċjali, fejn dawk il-pożizzjonijiet** jistgħu jitkejlu oġġettivament inkwantu jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali ta' **dik l-entità mhux finanzjarja**;

- (c) pożizzjonijiet miżmuma minn kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji għal pożizzjonijiet li oġġettivament jistgħu jitkejlu bħala li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet li jkunu saru biex jissodisfaw obbligi li tiġi pprovduta l-likwidità f'ċentru tan-negozjar, kif ipprovdut fil-punt (c) tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 2(4);
- (d) kwalunkwe titolu ieħor kif imsemmi fil-punt (c) tal-punt (44) tal-Artikolu 4(1) b'rabta ma' komodità jew titolu sottostanti msemmija fit-Taqsima C.10 tal-Anness I.

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina proċedura li permezz tagħha entità finanzjarja li tkun parti minn grupp predominantement kummerċjali tkun tista' tapplika għal eżenzjoni għall-hedging għal pożizzjonijiet miżmuma minn dik l-entità finanzjarja li oġġettivament jistgħu jitkejlu inkwantu jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attivitajiet kummerċjali tal-entitajiet mhux finanzjarji tal-grupp.

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina proċedura li tistabbilixxi kif il-persuni jistgħu japplikaw għal eżenzjoni għall-hedging għal pożizzjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet li jkunu saru biex jissodisfaw obbligi li tiġi pprovduta l-likwidità f'ċentru tan-negozjar.

L-ESMA għandha tippreżenta l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji msemmi fit-tielet u r-raba' subparagrafi lill-Kummissjoni sa ... [disà xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija *fit-tielet* u r-raba' subparagrafi ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(b) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. L-ESMA għandha tfassal lista ta' derivattivi ta' komoditajiet kritiċi jew sinifikanti msemmija fil-paragrafu 1 u tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina l-metodoloġija għall-kalkolu li l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw meta jstabilixxu l-limiti ta' pożizzjoni tax-xahar spot u limiti ta' pożizzjoni tax-xhur l-oħra għal derivattivi saldati b'mod fiżiku u f'kontanti fuq il-bażi tal-karatteristiċi tad-derivattivi rilevanti kkonċernati.

Meta tistabilixxi l-lista ta' derivattivi tal-komoditajiet kritiċi jew sinifikanti, l-ESMA għandha tqis il-fatturi li ġejjin:



- (a) in-numru ta' parteċipanti tas-suq;
- (b) il-komodità sottostanti għad-derivattiv ikkonċernat.

Meta tiddetermina l-metodoloġija għall-kalkolu msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha tqis il-fatturi li ġejjin:

- (a) il-provvista konsenjabbli fil-komodità sottostanti;
- (b) l-interess miftuħ kumplessiv f'dak id-derivattiv u l-interess miftuħ kumplessiv fi strumenti finanzjarji oħra bl-istess komodità sottostanti;
- (c) l-għadd u d-daqs tal-parteeċipanti tas-suq;
- (d) il-karatteristiċi tas-suq ta' komoditajiet sottostanti, inklużi xejriet ta' produzzjoni, konsum u trasportazzjoni lejn is-suq;
- (e) l-iżvilupp ta' derivattivi ta' *komoditajiet* ġodda;
- (f) l-esperjenza tad-ditti tal-investiment jew tal-operaturi tas-suq li joperaw ċentru tan-negozjar u ta' ġurisdizzjonijiet oħrajn rigward il-limiti ta' pożizzjoni.

L-ESMA għandha tippreżenta l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. Awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi limiti ta' pożizzjoni għal derivattivi ta' komoditajiet kritiċi jew ■ sinifikanti u derivattivi ta' komoditajiet agrikoli li jkunu negozjati f'ċentri tan-negozjar, fuq il-bażi tal-metodoloġija għall-kalkolu stipulata fl-istandards tekniċi regolatorji adottati mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3. Dawn il-limiti ta' pożizzjoni għandhom jinkludu kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti.

Awtorità kompetenti għandha tirrieżamina l-limiti ta' pożizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu kull meta jkun hemm bidla sinifikanti fis-suq, inkluż bidla sinifikanti fil-provvista konsenjabbli jew interess miftuħ, fuq il-bażi tad-determinazzjoni tagħha tal-provvista konsenjabbli u interess miftuħ, u għandha tiffissa dawk il-limiti ta' pożizzjonijiet mill-ġdid skont il-metodoloġija għall-kalkolu stipulata fl-istandards tekniċi regolatorji adottati mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3.";

(c) il-paragrafi 6, 7 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Meta d-derivattivi tal-komoditajiet agrikoli ***bbażati fuq l-istess bażi u jikkondividu l-istess karatteristiċi huma nnegożjati f'volumi sinifikanti fiċ-ċentri tan-negożjar f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda***, jew meta d-derivattivi tal-komoditajiet kritiċi jew sinifikanti fuq il-bażi tal-istess titolu sottostanti u bl-istess karatteristiċi jiġu nnegożjati **■** f'ċentri tan-negożjar f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda, l-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negożjar fejn isir l-akbar volum ta' negożjar ("l-awtorità kompetenti ċentrali") għandha tistabbilixxi l-limitu ta' pożizzjoni unika li jiġi applikat għan-negożjar kollu f'dawk id-derivattivi. L-awtorità kompetenti ċentrali għandha tikkonsulta l-awtoritajiet kompetenti taċ-ċentri tan-negożjar l-oħra li fihom ***dawk id-derivattivi ta' komoditajiet agrikoli*** jiġu nnegożjati ***f'volumi sinifikanti jew li fihom jiġu nnegożjati dawk id-derivattivi ta' komoditajiet kritiċi jew sinifikanti***, fil-limitu ta' pożizzjoni unika li jiġi applikat u kwalunkwe reviżjoni għal limiti ta' dik il-pożizzjoni unika.

L-awtoritajiet kompetenti li ma jaqblux mal-iffissar tal-limitu ta' pożizzjoni unika mill-awtorità kompetenti ċentrali għandhom jiddikjaraw bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għaliex jikkunsidraw li r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1 ma ġewx issodisfati. L-ESMA għandha ssolvi kwalunkwe tilwim li jirriżulta minn nuqqas ta' ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ***f'konformità mas-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010***.

L-awtoritajiet kompetenti taċ-ċentri tan-negozjar fejn jiġu nnegozjati f'volumi sinifikanti derivattivi ta' komoditajiet agrikoli li jkunu bbażati fuq l-istess titolu sottostanti u jkollhom l-istess karatteristiċi jew fejn jiġu nnegozjati derivattivi ta' komoditajiet kritiċi jew sinifikanti li jkunu bbażati fuq l-istess titolu sottostanti u jkollhom l-istess karatteristiċi, u l-awtoritajiet kompetenti tad-detenturi ta' pożizzjonijiet f'dawk id-derivattivi, għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni, li għandhom jinkludu l-iskambju tad-data rilevanti, biex ikun possibbli l-monitoraġġ u l-infurzar tal-limitu ta' pożizzjoni unika.

7. L-ESMA għandha tissorvelja tal-inqas darba f'sena l-mod kif l-awtoritajiet kompetenti implimentaw il-limiti ta' pożizzjoni stipulati skont il-metodoloġija għall-kalkolu stabbilita mill-ESMA fil-paragrafu 3. F'dan il-proċess, l-ESMA għandha tiżgura li l-limitu ta' pożizzjoni unika jkun japplika effettivament għad-derivattivi tal-komoditajiet agrikoli u għall-kuntratti kritiċi jew sinifikanti fuq il-bażi tal-istess titolu sottostanti u bl-istess karatteristiċi irrispettivament minn fejn huma jiġu nnegozjati skont il-paragrafu 6.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditta tal-investment jew operatur tas-suq li jħaddem ċentru tan-negozjar li jinnegozja derivattivi tal-komoditajiet japplikaw kontrolli tal-ġestjoni tal-pożizzjonijiet, inkluż setgħat għaċ-ċentru tan-negozjar biex:
- (a) jissorvelja l-pożizzjonijiet ta' interess miftuħ tal-persuni;
 - (b) jikseb informazzjoni, inkluża d-dokumentazzjoni rilevanti kollha, minn persuni dwar id-daqs u l-iskop ta' pożizzjoni jew skopertura li wieħed ikun daħal għalihom, informazzjoni dwar sidien benefiċjarji jew sottostanti, kwalunkwe arranġament ta' konċentrazzjoni, u kwalunkwe assi jew obligazzjonijiet relatati fis-suq sottostanti, inkluż, fejn xieraq, il-pożizzjonijiet miżmuma ***f'derivattivi ta' komoditajiet li huma bbażati fuq l-istess bażi u li jikkondividu l-istess karatteristiċi*** f'ċentri tan-negozjar oħra u f'kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti permezz ta' membri u parteċipanti;
 - (c) jitlob li persuna tittermina jew tnaqqas pożizzjoni, fuq bażi temporanja jew permanenti, u jieħu azzjoni unilateralmment biex tkun żgurata t-terminazzjoni jew it-tnaqqis tal-pożizzjoni meta l-persuna ma tikkonformax mat-tali talba; u

- (d) jirrikjedi li persuna tipprovdi, fuq bażi temporanja, likwidità lura fis-suq bi prezz u volum miftehma bil-ħsieb espliċitu li jittaffew l-effetti ta' pożizzjoni kbira jew dominanti.

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kontenut tal-kontrolli tal-ġestjoni tal-pożizzjonijiet, u b'hekk tqis il-karatteristiċi taċ-ċentri tan-negozjar ikkonċernati.

L-ESMA għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [disà xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(d) fil-paragrafu 12, il-punt (d) huwa sostitwiti b'dan li ġej:

"(d) id-definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi volumi sinifikanti skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu;"

(11) *l-Artikolu 58(1) huwa emendat kif ġej:*

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Ir-rapportar dwar il-pożizzjoni ma għandux ikun applikabbli għal kwalunkwe titolu ieħor kif imsemmi fil-punt (c) tal-punt (44) tal-Artikolu 4(1) li jkun relatat ma' komodità jew titolu sottostanti kif imsemmija fit-Taqsima C.10 tal-Anness I.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditti tal-investment li jinnegozjaw derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom barra minn ċentru tan-negozjar jipprovdu, tal-inqas darba kuljum, lill-awtorità ċentrali kompetenti msemmija fl-Artikolu 57(6) *jew – fejn m'hemm ebda awtorità kompetenti ċentrali – l-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar fejn id-derivattivi tal-komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew id-derivattivi tagħhom huma nnegozjati*, bi qsim komplet tal-pożizzjonijiet tagħhom meħuda f'kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti u, fejn rilevanti, f'derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, kif ukoll dawk tal-klijenti tagħhom u l-klijenti ta' dawk il-klijenti sakemm jintlaħaq il-klijent aħħari, f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u, fejn applikabbli, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011.";

(12) fl-Artikolu 73, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-ditti ta' investiment, l-operaturi tas-suq, l-APAs u l-ARMS awtorizzati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 600/2014 li għandhom deroga skont l-Artikolu 2(3) ta' dak ir-Regolament, l-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tas-servizzi jew attivitajiet ta' investiment u s-servizzi anċillari, u l-fergħat ta' ditti minn pajjiżi terzi jkollhom fis-seħħ proċeduri xierqa għall-impjegati tagħhom biex jirrapportaw ksur potenzjali jew effettiv internament permezz ta' kanal speċifiku, indipendenti u awtonomu.";

(13) fl-Artikolu 89, il-paragrafi 2 sa 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. *Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 2(3), l-Artikolu 2(4), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1)(2), l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 13(1), l-Artikolu 16(12), l-Artikolu 23(4), l-Artikolu 24(13), l-Artikolu 25(8), l-Artikolu 27(9), l-Artikolu 28(3), l-Artikolu 30(5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 32(4), l-Artikolu 33(8), l-Artikolu 52(4) l-Artikolu 54(4), l-Artikolu 58(6), l-Artikolu 64(7), l-Artikolu 65(7) u l-Artikolu 79(8) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mit-2 ta' Lulju 2014.*

3. *Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 2(3), l-Artikolu 2(4), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1)(2), l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 13(1), l-Artikolu 16(12), l-Artikolu 23(4), l-Artikolu 24(13), l-Artikolu 25(8), l-Artikolu 27(9), l-Artikolu 28(3), l-Artikolu 30(5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 32(4), l-Artikolu 33(8), l-Artikolu 52(4) l-Artikolu 54(4), l-Artikolu 58(6), l-Artikolu 64(7), l-Artikolu 65(7) u Artikolu 79(8) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.*

4. *Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

5. *Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(3), l-Artikolu 2(4) it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1)(2), l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 13(1), l-Artikolu 16(12), l-Artikolu 23(4), l-Artikolu 24(13), l-Artikolu 25(8), l-Artikolu 27(9), l-Artikolu 28(3), l-Artikolu 30(5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 32(4), l-Artikolu 33(8), l-Artikolu 52(4), l-Artikolu 54(4), l-Artikolu 58(6), l-Artikolu 64(7), l-Artikolu 65(7) jew l-Artikolu 79(8) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oggjezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joggjezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."*

(14) fl-Artikolu 90, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-impatt tal-eżenzjoni stipulata fil-punt (j) tal-Artikolu 2(1), fir-rigward tal-kwoti tal-emissjonijiet jew id-derivattivi tagħhom, u għandha takkumpanja dak ir-rieżami, fejn xieraq, bi proposta leġiżlattiva biex temenda l-eżenzjoni. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tivvaluta n-negozjar fi kwoti tal-emissjonijiet u d-derivattivi tagħhom fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, l-impatt tal-eżenzjoni stipulata fil-punt (j) tal-Artikolu 2(1) fuq il-protezzjoni tal-investituri, l-integrità u t-trasparenza tas-swieq fil-kwoti tal-emissjonijiet u d-derivattivi tagħhom u jekk jenħtieġ li jiġu adottati miżuri b'rabta man-negozjar li jseħħ f'ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi."

Article 2
Emendi għad-Direttiva (UE) 2019/878

Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. "L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sat-28 ta' Diċembru 2020, il-miżuri meħtieġa għall-konformità ma':

- (a) id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva sa fejn jikkonċernaw istituzzjonijiet ta' kreditu;*
- (b) l-Artikolu 1(1) u (9) ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-Artikolu 2(5) u (6) u l-Artikolu 21b tad-Direttiva 2013/36/UE, sa fejn jikkonċernaw istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment.*

Huma għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mid-29 ta' Diċembru 2020. Madankollu, id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-konformità mal-emendi stabbiliti fil-punt (21) u l-punti (29)(a), (b) u (c) tal-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-Artikolu 84 u l-Artikolu 98(5) u (5a) tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom japplikaw mit-28 ta' Ġunju 2021 u d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-konformità mal-emendi stipulati fil-punti (52) u (53) tal-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-Artikoli 141b, 141c u l-Artikolu 142(1) tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022.

L-Istati Membri għandhom jadottaw, jippubblikaw u japplikaw sas-26 ta' Ġunju 2021 il-miżuri meħtieġa għall-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva sa fejn jikkonċernaw lid-ditti tal-investment, ħliet għal dawk il-miżuri msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffċjalment. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.”.

Artikolu 3

Emendi għad-Direttiva 2013/36/UE

It-tielet, ir-raba' u l-ħames subparagrafi tal-Artikolu 94(2) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Bil-għan li jiġi identifikat persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil ta' riskju tal-istituzzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 92(3), ħliet fir-rigward ta' persunal f'ditti tal-investiment, l-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jstabbilixxu l-kriterji biex jiġi definit dan li ġej:

- (a) responsabbiltà manġerjali u funzjonijiet ta' kontroll;*
- (b) unità operatorja materjali u impatt sinifikanti fuq il-profil ta' riskju tal-unità operatorja rilevanti; u*
- (c) kategoriji oħrajn ta' persunal li ma jissemmewx b'mod espliċitu fl-Artikolu 92(3) li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt fuq il-profil ta' riskju tal-istituzzjoni li b'mod komparabbli huwa materjali daqs dak ta' dawk il-kategoriji ta' persunal imsemmija fih.*

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Diċembru 2019.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li japplikaw għad-ditti tal-investiment, l-għoti tas-setgħa stabbilita fl-Artikolu 94(2) ta' din id-Direttiva kif emendata mid-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandha tkompli tapplika sas-26 ta' Ġunju 2021.*

* *Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43)."*

Artikolu 4
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa ... [disa' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.
3. ***Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-emendi għad-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/878 għandhom japplikaw mit-28 ta' Diċembru 2020.***

Artikolu 5

Rieżami

Sal-31 ta' Lulju 2021, u abbażi tar-riżultat ta' konsultazzjoni pubblika mwettqa mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, inter alia, (a) l-operat tal-istruttura tas-swieg tat-titoli, li tirrifletti r-realtà ekonomika l-ġdida wara l-2020, kwistjonijiet ta' data u ta' kwalità tad-data relatati mal-istruttura tas-suq, u r-regoli ta' trasparenza, inklużi kwistjonijiet relatati ma' pajjiżi terzi, (b) ir-regoli dwar ir-riċerka, (c) ir-regoli dwar il-forom kollha ta' pagamenti lill-konsulenti u l-livell ta' kwalifiki professjonali tagħhom, (d) il-governanza tal-prodotti, (e) ir-rappurtar tat-telf u (f) il-kategorizzazzjoni tal-klijenti. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 7

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President